MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 772/2011

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Glo-Lite Company Limited, John u Geraldine mizzewwgin Borg**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fid-9 ta’ Awwissu 2011 ir-rikorrenti talbet li l-kuntratti pubblici tal-10 ta’ Settembru 2003 pubblikati min-nutar Dr Carmel Gafa’ jergghu jigu rezi ezegwibbli. Permezz ta’ dawk il-kuntratt l-intimati kkostitwew ruhhom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin elf u tmienja u sebghin ewro u dsatax-il centezmu (€238,078.19) flimkien mal-imghax. Skond ma ppremmettiet ir-rikorrenti l-ammont dovut hu ta’ mitejn u hmistax-il elf sitt mija u sitt ewro u

erbgha u disghajn centezmu (€215,606.94), li minnhom €157,947.81 hu kapita u l-bilanc hu imghax.

L-intimati ma wiegbux u lanqas deheru fis-seduta tal-lum.

Fis-seduta tal-lum ir-rikorrenti pprezentat nota fejn iddikjarat li s-somma dovuta hi ta’ **mija u tmienja u hamsin elf erbgha mija u tnax-il ewro u tlieta u sebghin centezmu (€158,412.73)** flimkien mal-imghax legali mis-27 ta’ Ottubru 2011. Ipprezentat ukoll rendikont aggornat li juri l-hlasijiet li saru minn Gunju 2011 fir-rigward tal-kont numru 40010439537.

Id-difensur tal-intimati pprezenta nota fejn iddikjara li l-intimati qeghdin jammettu t-talba tar-rikorrenti.

**Ghaldaqstant, il-qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tawtorizza l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, cjoe’ il-kuntratti pubblici tal-10 ta’ Settembru 2003 pubblikati min-nutar Dr Carmel Gafa’ esebiti bhala Dok. A u B mar-rikors promotur**.
**Spejjez a karigu tal-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------